KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fl-4 ta’ Ottubru 2018 [1]

**Kawża C-587/17 P**

**Ir-Renju tal-Belġju**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Politika Agrikola Komuni — Regolament (KE) Nru 1290/2005 — Finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni — Fond Agrikolu Ewropew ta’ Gwida u Garanzija (FAEGG) — Artikoli 9 u 32 — Obbligi tal-Istati Membri — Infiq eskluż mill-finanzjament mingħand l-Unjoni Ewropea — Restituzzjoni ta’ rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet imħallsa indebitament — Bżonn li jiġu eżawriti r-rimedji nazzjonali kollha — Ebda talba għal deċiżjoni preliminari — Negliġenza attribwibbli lil Stat Membru — Kriterji għall-evalwazzjoni”

1. Permezz tal-appell tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-20 ta’ Lulju 2017, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni [2] li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/417 [3] inkwantu eskludiet ir-Renju tal-Belġju mill-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Gwida u Garanzija (iktar ’il quddiem “FAEGG”) tas-somma ta’ EUR 9 601 619.

2. Dan l-appell jagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiċċara l-portata tal-obbligu tal-Istati Membri li jirkupraw ammonti mħallsa indebitament fil-kuntest tal-FAEGG. B’mod iktar speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja trid tiddeċiedi jekk il-Qorti Ġenerali kinitx korretta tiddeċiedi li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, id-deċiżjoni li ttieħdet mill-awtoritajiet kompetenti Belġjani biex ma jeżawrixxewx ir-rimedji nazzjonali kollha biex jippruvaw jirkupraw ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni li tħallsu indebitament tikkostitwixxix negliġenza attribwibbli lir-Renju tal-Belġju fis-sens tal-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 [4].

## I. Il-qafas legali

3. Ir-Regolament Nru 1290/2005 jistabbilixxi l-qafas għall-finanzjament tal-politika agrikola komuni.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Sentenza tal-20 ta’ Lulju 2017, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, T-287/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:531 (iktar ’il quddiem “is-sentenza appellata”).

3 Deċiżjoni tas-17 ta’ Marzu 2016 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016 L 75, p. 16, iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni inkwistjoni”).

4 Regolament tal-21 ta’ Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU 2005 L 209, p. 1). Dak ir-regolament ma għadux fis-seħħ. Ġie ssostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013 L 347, p. 549, u r-rettifika ĠU 2016 L 130, p. 6).

4. Skont il-premessa 25 tar-regolament, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet jkunu verament imwettqa u eżegwiti b'mod korrett. L-Istati Membri għandhom ukoll jevitaw u jittrattaw b'mod effettiv kwalunkwe irregolarità mwettqa mill-benefiċjarji.

5. Il-premessa 26 tipprovdi li f'ċerti każijiet ta' negliġenza min-naħa tal-Istat Membru, ikun iġġustifikat li tintalab is-somma kollha lura mill-Istat Membru kkonċernat. L-istess premessa tiċċara madankollu li, suġġett għall-konformità mill-Istati Membri mal-obbligi skont il-proċeduri interni tagħhom, il-piż finanzjarju għandu jinqasam b'mod ġust bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat Membru kkonċernat.

6. Skont il-premessa 27, il-proċeduri ta' rkupru użati jistgħu jkollhom l-effett li jtawlu iktar l-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament, b'ebda garanzija li l-eżitu jkun, suċċess. Il-prezz għall-implementazzjoni ta' dawn il-proċeduri jista' wkoll ikun sproporzjonat mal-ammonti li jkunu jew jistgħu jkunu miġbura.

7. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1290/2005 jipprovdi *inter alia*:

"1. Fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-[Unjoni Ewropea], il-FAEG[G] għandu jiffinanzja l-infiq li ġej, li għandu jsir f'konformità mal-liġi [tal-UE]:

(a) ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli lejn pajjiżi terzi;

[...]"

8. L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1290/2005 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom:

(a) fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni, jadottaw id-dispożizzjonijiet kollha leġislattivi, regolatorji u amministrattivi u jieħdu kwalunkwe miżuri oħra meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-[Unjoni Ewropea], u b'mod partikolari sabiex:

   (i) jiġu vverifikati l-ġenwinità u l-konformità ta' operazzjonijiet iffinanzjati mill-FAEG[G] u l-FAEŻR;

   (ii) jiġu evitati u segwiti l-irregolaritajiet;

   (iii) jiġu rkuprati s-somom mitlufa bħala riżultat tal-irregolaritajiet jew tan-negliġenza.

[...]".

9. L-Artikolu 31(1) tar-regolament jipprovdi:

"Jekk il-Kummissjoni ssib li l-infiq kif indikat fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4 twettaq b'mod li kiser ir-regoli [tal-UE], hija għandha tiddeċiedi liema ammonti għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament [tal-UE] f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 41(3)".

10. L-Artikolu 32 tar-Regolament Nru 1290/2005 jipprovdi:

"[...]

5. Jekk l-irkupru ma twettaqx fi żmien erba' snin mis-sejba amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin meta l-azzjoni tal-irkupru tittella' fil-qrati nazzjonali, 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru għandhom jinġarru mill-Istat Membru kkonċernat u 50 % mill-baġit Komunitarju.

L-Istati Membri għandhom jindikaw separatament fir-rapport fil-qosor imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, l-ammonti mhux irkuprati fl-iskadenzi speċifikati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Id-distribuzzjoni tal-piż finanzjarju tan-nuqqas ta' rkupru f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit li l-Istat Membru kkonċernat għandu jsegwi l-proċeduri tal-irkupru f'konformità mal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament. 50 % tal-ammonti rkuprati b'dan il-mod għandhom jiġu akkreditati lill-FAEG[G], wara l-applikazzjoni tat-tnaqqis previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Meta, fil-kuntest tal-proċedura ta' rkupru, jiġi rreġistrat in-nuqqas ta' kwalunkwe irregolarità permezz ta' strument amministrattiv jew legali ta' natura aħħarija, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddikjara bħala nefqa dovuta lill-Fondi l-piż finanzjarju mġarrab minnu skont l-ewwel subparagrafu.

[…]

6. Jekk ikun hemm ġustifikazzjoni għal dan, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jsegwux l-irkupru. Tista' tittieħed deċiżjoni għal dan il-għan biss fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-ispejjeż li saru diġà jew li aktarx li jsiru jaqbżu l-ammont li jrid jiġi rkuprat, jew

(b) jekk l-irkupru jkun impossibbli minħabba l-insolvenza, reġistrata jew rikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni responsabbli legalment għall-irregolarità.

[…]

8. Wara li tkun ġiet kompluta l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31(3), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li teskludi mis-somom tal-finanzjament is-somom li għandhom jitħallsu mill-baġit [tal-UE] fil-każijiet li ġejjin:

(a) skont il-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu, jekk hija ssib li l-irregolarità jew in-nuqqas ta' rkupru huwa riżultat ta' irregolarità jew negliġenza attribwibbli lill-awtoritajiet amministrattivi jew korp uffiċjali ieħor tal-Istat Membru;

[…]".

## II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

### *A. Ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet miksuba b'mod frawdolenti (1992 sa 1993)*

11. Fl-1992, Générale Sucrière, li d-drittijiet tagħha ttieħdu sussegwentement minn Saint-Louis Sucre permezz ta' suċċessjoni, biegħet total ta' 24 000 tunnellata ta' zokkor lil Metelmann u Sucre Export. Skont il-kuntratti tal-bejgħ, iz-zokkor kien esportat mill-Unjoni Ewropea.

12. Metelmann u Sucre Export reġgħat biegħet 6 000 tunnellata ta' zokkor lil Proud Trading u Shawline Offshore permezz ta' żewġ intermedjarji. Dawk il-kuntratti kienu jipprovdu wkoll li z-zokkor kien destinat lejn pajjiż terz barra (minn dik li hija llum) l-Unjoni Ewropea (tallum), u li kellu jitlaq mit-territorju tal-Unjoni Ewropea mingħajr dewmien malli jitgħabba.

13. Saint-Louis Sucre qabbdet lil Belgian Bunkering, min-naħa, u lil Stevedoring et Manufert (iktar 'il quddiem "Manuport Services"), min-naħa l-oħra, biex iħejju d-dokumentazzjoni u biex jirċievu u jgħabbu z-zokkor fuq il-vapuri.

14. Iz-zokkor, li kellu jitlaq mil-port ta' Antwerp (il-Belġju) lejn l-Użbekistan, tgħabba bejn l-20 ta' Jannar u d-29 ta' Marzu 1993.

15. Manuport Services ħejjiet u bagħtet id-dokumentazzjoni rilevanti u d-dikjarazzjonijiet tal-esportazzjonijiet lill-awtorità kompetenti, jiġifieri, il-Bureau d'intervention et de restitution belge (l-Uffiċċju għall-Intervent Belġjan u għar-Rifużjoni; iktar 'il quddiem "UIBR"). Abbażi tad-dokumentazzjoni, l-UIBR effettwa ħlas bil-quddiem lil Saint-Louis Sucre fir-rigward tar-rifużjoni għall-esportazzjoni li Saint-Louis Sucre kienet intitolata għalih. Il-ħlas sar finali meta ġiet prodotta prova minn Saint-Louis Sucre li z-zokkor kien ħareġ mit-territorju ta' (dak li llum huwa) l-Unjoni Doganali tal-Unjoni Ewropea.

16. Wara li kien sar il-ħlas, ġie skopert li 6 000 tunnellata miz-zokkor li nbiegħ mill-ġdid minn Metelmann u Sucre Export lil Proud Trading u Shawline Offshore, wara li telaq mill-port ta' Antwerp, kien ġie ddevjat mid-destinazzjoni oriġinali tiegħu u kien reġa' ġie importat b'mod frawdolenti fl-Unjoni Ewropea abbażi ta' dokumenti foloz. Saint-Louis Sucre minn jeddha informat lill-UIBR b'din l-iskoperta.

### *B. Il-proċeduri kriminali (1994 sa 2004)*

17. Wara li ġiet skoperta l-importazzjoni taz-zokkor mill-ġdid, inbdew proċeduri kriminali kontra ż-żewġ individwi li kienu aġixxew ta' intermedjarji bejn Metelmann u Sucre Export, min-naħa, u Shawline Offshore u Proud Trading, min-naħa l-oħra.

18. Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Ottubru 2003 tal-Hof van Beroep Antwerpen (il-Qorti tal-Appell ta' Antwerp, il-Belġju), iż-żewġ individwi kienu nstabu ħatja ta' frodi, il-ħolqien ta' dokumenti foloz u l-użu ta' dokumenti foloz.

19. F'dawk il-proċeduri, l-UIBR, Saint-Louis Sucre, Metelmann, Sucre Export u Manuport Services fetħu kawża ċivili u ngħataw ammont provviżorju ta' ċenteżmu bħala kumpens għad-dannu kkaġunat miż-żewġ individwi.

### *C. Il-proċedura ta' rkupru ċivili (1994 sa 1997 u 1997 sa 2012)*

20. Fis-16 ta' Marzu 1994, ara li ġie nformat bl-esportazzjoni frawdolenti, l-UIBR talab li Saint-Louis Sucre tirrimborża l-ħlas tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni. Skont l-UIBR, Saint-Louis Sucre kienet importat iz-zokkor mill-ġdid, liema żokkor kien ġie qabel iddikjarat u pprovat bħala esportat b'ċerti dokumenti (formola T5), permezz ta' dokumenti foloz (formola T2E).

21. Saint-Louis Sucre ikkontestat il-kawża u sostniet li hija ma kellha ebda responsabbiltà fir-rigward tal-irregolarità.

22. Madankollu, Saint-Louis Sucre qablet li twettaq ħlas provviżorju tal-ammont mitlub mill-UIBR sabiex twaqqaf l-interessi mill jkomplu jiddekorru. L-ammont li tħallas kien jikkorrispondi għall-ammont mitlub mill-UIBR bl-interessi għall-perijodu mid-19 ta' April 1994 sas-16 ta' Mejju 1997.

23. Wara li rċieva l-ħlas mingħand Saint-Louis Sucre, ir-Renju tal-Belġju ħallas ammont li jikkorrispondi għal 80 % tal-ammont irċevut mingħand Saint Louis Sucre lill-FAEGG u żamm l-20 % li jibqa' mill-ammont skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 595/91 [5].

24. Fit-18 ta' Ġunju 1997, Saint-Louis Sucre bdiet proċeduri quddiem it-tribunal de première instance de Bruxelles (il-Qorti tad-Distrett ta' Brussell, il-Belġju) sabiex tirkupra l-ammont imħallas lill-UIBR flimkien mal-interessi u l-ispejjeż.

25. Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Marzu 2008, dik il-qorti ordnat lill-UIBR biex iħallas l-ammont mitlub lil Saint-Louis Sucre.

26. L-UIBR appella quddiem il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju). L-UIBR talab lil dik il-qorti tagħmel tliet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari. Madankollu, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju 2012, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) ikkonfermat is-sentenza tat-tribunal de première instance de Bruxelles (il-Qorti tad-Distrett ta' Brussell) u ordnat lill-UIBR iħallas lil Saint-Louis Sucre is-somma ta' EUR 10 114 003.39, li tikkorrispondi għall-ammont ta' EUR 5 133 087.54 bl-interessi mill-1 ta' Ġunju 1997 u diversi spejjeż oħra. Dik il-qorti ma qisitx li kien meħtieġ li tirrinvija d-domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tingħata deċiżjoni preliminari.

27. Wara s-sentenza tal-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell), l-UIBR talab l-opinjoni ta' avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Belġju), peress li skont id-dritt Belġjan, parti ma tistax tappella quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) sakemm hija l-ewwel ma tkunx kisbet tali opinjoni.

28. Wara analiżi ddettaljata tal-proċess u tal-ġurisprudenza tal-qorti, l-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) tat l-opinjoni tagħha, u kkonkludiet li ma kien possibbli għall-UIBR li jirnexxilu jappella quddiem il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni).

29. Wara li kiseb dik l-opinjoni, l-UIBR iddeċieda li ma jappellax kontra s-sentenza mogħtija mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell). Konsegwentement, il-UIBR ħallas l-ammont li huwa ġie ordnat iħallas lil Saint-Louis Sucre.

### *D. L-ammont imħallas mill-FAEGG (2012 sa 2016)*

30. Wara s-sentenza tal-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell), l-UIBR informa lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jitlob l-ammont li huwa ġie kkundannat iħallas lil Saint-Louis Sucre mingħand il-FAEGG u sussegwentement iddeċieda li jagħmel hekk. Konsegwentement, ir-rapport annwali tal-UIBR tal-2012 inkluda korrezzjoni pożittiva ta' EUR 9 601 619.85.

31. L-ammont tniżżel fil-kontijiet tal-Unjoni Ewropea fis-sena finanzjarja tal-2012 u konsegwentement tħallas lir-Renju tal-Belġju [6].

5 Regolament tal-4 ta' Marzu 1991, dwar l-irregolarijatjiet u l-irkupru ta' somom ta' flus imħallsa ħażin b'konnessjoni mal-finanzjament tal-politika agrikola komuni u l-organizzazzjoni ta' sistema ta' tagħrif f'dan il-qasam u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 283/72 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol 11, p. 171).

6 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016)1543 final tas-17 ta' Marzu 2016 dwar l-approvazzjoni ta' kontijiet ta' ċerti aġenziji tal-ħlas fil-Belġju u fil-Ġermanja fir-rigward tal-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).

### *E. Il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni (2013 sa 2016)*

32. Wara dak il-ħlas, il-Kummissjoni bdiet proċedura msejħa ta' verifika tal-konformità, proċedura li tippermetti lill-Kummissjoni tivverifika jekk Stat Membru għamilx użu tajjeb mill-fondi mpoġġija għad-dispożizzjoni tiegħu [7]. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ammont ma setax jingħadda għal fuq il-FAEGG għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett, ma kinux ġew eżawriti r-rimedji possibbli kollha peress li ma sar ebda appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti ta' Kassazzjoni) u t-tieni, il-Kummissjoni kkontestat l-inklużjoni tal-interessi wara s-sena 1997.

33. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Mejju 2013, l-UIBR ikkontesta din l-evalwazzjoni abbażi tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tar-Regolament Nru 1290/2005. Huwa nnota wkoll, min-naħa, li l-appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) ma kienx neċessarjament u awtomatikament iwassal għal talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE u, min-naħa l-oħra, li fid-dawl tar-rwol tal-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation, huwa ma kellu ebda għażla li jieħu d-deċiżjoni li ma jappellax.

34. Minħabba n-nuqqas ta' qbil persistenti bejn l-UIBR u l-Kummissjoni, fit-13 ta' Ottubru 2014 nżammet laqgħa bilaterali bejn il-partijiet.

35. Wara dik il-laqgħa, permezz ta' ittri tas-17 ta' Ottubru 2014 u 21 ta' Jannar 2015, ir-Renju tal-Belġju pprovda iktar informazzjoni li tirrigwarda l-esportazzjoni u d-diversi proċeduri li jirrigwardaw l-esportazzjonijiet frawdolenti taz-zokkor.

36. F'komunikazzjoni tat-12 ta' Ġunju 2015 ibbażata fuq l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 [8], il-Kummissjoni żammet il-pożizzjoni tagħha li ma ġewx eżawriti r-rimedji nazzjonali kollha biex jiġi rkuprat l-ammont. Il-komunikazzjoni indikat li skont l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005, l-UIBR ma kienx intitolat jieħu l-fondi mill-FAEGG. Għaldaqstant, mill-finanzjament mill-Unjoni Ewropea kellu jiġi eskluż l-ammont ta' EUR 9 601 619.

37. Abbażi ta' rapport sommarju tat-22 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni inkwistjoni li eskludiet l-ammont imsemmi hawn fuq mill-finanzjament mingħand l-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-Renju tal-Belġju. Ir-Renju tal-Belġju ġie nnotifikat bid-deċiżjoni fit-18 ta' Marzu 2016.

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

38. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Mejju 2016, ir-Renju tal-Belġju talab l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni.

39. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fit-totalità tiegħu.

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

40. Permezz tal-appell tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha;

7 Referenza CEB/2013/003BE.

8 Regolament tal-21 ta' Ġunju 2006, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1290/2005 (ĠU L 322M, 2.12.2008, p. 162).

– tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni, inkwantu eskludiet mill-finanzjament mingħand l-Unjoni Ewropea l-ammont ta' EUR 9 601 619 (partita fil-baġit numru 6701);

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

41. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

42. Inżammet seduta fis-27 ta' Ġunju 2018 li fiha ż-żewġ partijiet ppreżentaw is-sottomissjonijiet orali.

## V. Analiżi

43. Fl-appell tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jressaq aggravju wieħed biss li bih isostni li l-Qorti Ġenerali interpretat ħażin l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 fis-sentenza appellata.

44. Min-naħa, permezz tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jargumenta li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonkludiet li l-awtoritajiet Belġjani ma kinux eżawrew ir-rimedji nazzjonali kollha peress li ma appellawx quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal- Kassazzjoni)[9]. Fil-fehma tal-appellant, il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"QEDB") biex tistabbilixxi jekk kinux ġew eżawriti r-rimedji nazzjonali kollha.

45. Min-naħa l-oħra, permezz tat-tieni parti tal-uniku aggravju, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkunsidrat li r-Renju tal-Belġju kien negliġenti biex jirkupra l-ammonti inkwistjoni peress li ma appellax quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni)[10].

46. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ewwel parti tal-aggravju hija inammissibbli peress li tikkonċerna kwistjoni li ma tressqitx quddiem il-Qorti Ġenerali. Fi kwalunkwe każ, skont il-Kummissjoni ż-żewġ partijiet tal-aggravju uniku huma infondati.

47. Qabel ma nittratta l-aggravju uniku mressaq f'dan l-appell, ser nispjega fil-qosor il-kuntest ġuridiku ta' din il-kawża.

### *A. Introduzzjoni: ir-rwol tal-Istati Membri fis-sistema stabbilita bir-Regolament Nru 1290/2005 u l-kawża odjerna*

48. Żewġ fondi għall-agrikoltura, il-FAEGG u l-FAEŻR, ġew stabbiliti permezz tar-Regolament Nru 1290/2005 biex jissostitwixxu l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (iktar 'il quddiem "FAEGG"), l-istrument li bih il-PAK kienet iffinanzjata inizjalment[11]. Il-FAEGG u l-FAEŻR huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE u, bħall-preċedessur tagħhom, jintużaw biex jiffinanzjaw il-PAK inġenerali u b'mod partikolari l-iżvilupp rurali[12].

9 Punt 56 tas-sentenza appellata.

10 Punti 55 sa 57 u 62 tas-sentenza appellata.

11 Regolament tal-Kunsill Nru 25 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol 1, p. 3).

12 Premessi 1 u 2 tar-Regolament Nru 1290/2005.

49. B'mod iktar speċifiku, il-FAEGG ġie mwaqqaf biex jiffinanzja, fost l-oħrajn, ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli lejn pajjiżi terzi (bħaz-zokkor f'dan il-każ)[13]. Il-FAEGG huwa amministrat konġuntement mill-UE u l-Istati Membri, għalkemm l-Istati Membri għandhom, f'dan ir-rigward, rwol partikolarment kruċjali. Huma responsabbli biex jagħmlu l-ħlasijiet, jiċċarġjaw id-dazji u biex jirkupraw ħlasijiet indebiti fil-kuntest tal-FAEGG. Dawn ir-rwoli eżekuttivi jitwettqu b'mod awtonomu mill-Istati Membri.

50. Fid-dawl tar-rwol kruċjali tagħhom fis-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1290/2005, l-Istati Membri għandhom l-obbligu espress, stabbilit b'dan ir-regolament, li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea[14]. Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-regolament, l-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet kollha leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi u jieħdu kwalunkwe miżuri oħra meħtieġa biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

51. B'żieda ma' dak l-obbligu ġenerali stabbilit fl-Artikolu 9(1), ir-Regolament Nru 1290/2005 jipprovdi wkoll għal mekkaniżmi speċifiċi li huma intiżi li jinkoraġġixxu l-irkupru fil-ħin u b'mod effiċjenti ta' ammonti imħallsa indebitament mill-FAEGG. B'mod sinjifikattiv, l-Artikolu 32(5) tar-regolament introduċa mekkaniżmu li jippermetti t-tqassim ugwali (50/50) tal-piż finanzjarju li joħroġ min-nuqqas ta' rkupru bejn il-baġit tal-UE u l-Istat Membru kkonċernat fejn l-irkupru ma jkunx seħħ fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin jekk tkun ittieħdet azzjoni għall-irkupru fil-qrati nazzjonali. Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 32(8), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, jekk ikun il-każ, biex teskludi ċerti rifużjonijiet mill-finanzjament tal-baġit tal-UE skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament Nru 1290/2005. Dan hu pereżempju l-każ fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li Stat Membru, jew l-awtoritajiet tiegħu, kien negliġenti biex jippruvaw jirkupraw ammonti mitlufin minħabba irregolaritajiet.

52. Il-bżonn għal dawn il-mekkaniżmi jista' jiġi spjegat minn fatturi inter-relatati li jirrigwardaw il-loġika tas-sistema ta' finanzjament stabbilita bir-Regolament Nru 1290/2005.

53. Fil-fatt, wieħed ma għandux jinsa li l-ħlasijiet magħmulin fil-kuntest tal-FAEGG mill-Istati Membri skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE jiġu, bħala regola, irrimborsati mill-baġit tal-UE. Għaldaqstant, il-mekkaniżmi msemmija iktar 'il fuq jikkostitwixxu eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali tal-iffinanzjar mill-UE tal-infiq magħmul mill-Istati Membri fil-kuntest tal-PAK. Kif ġie osservat, peress li l-Istati Membri jaġixxu f'isem l-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li tkun l-Unjoni Ewropea li jkollha, fil-prinċipju, tbati t-telf ikkaġunat mill-aġir tal-individwi fejn l-Istati Membri għamlu dak kollu li huwa fil-poter tagħhom biex jiżguraw li t-tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-PAK verament jitwettqu u jiġu eżegwiti b'mod korrett biex jipprevjenu u jittrattaw l-irregolaritajiet u biex jirkupraw ammonti mitlufa[15]. Madankollu, biex ma jkunx inkoraġġut in-nuqqas ta' azzjoni, dawn il-mekkaniżmi jiffurmaw parti minn miżuri li jiżguraw li l-Istati Membri jieħdu azzjoni xierqa biex jiġġieldu l-frodi, problema li tiġri b'mod frekwenti fil-kuntest tas-sussidji fl-agrikoltura, u jagħmlu tentattiv sħiħ biex jirkupraw ammonti mħallsa indebitament[16].

54. Fid-deċiżjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni rrikorriet għall-Artikolu 32(8) tar-Regolament Nru 1290/2005 sabiex teskludi l-ammonti inkwistjoni mill-finanzjament mill-Unjoni Ewropea, deċiżjoni kkonfermata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Għaldaqstant, f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddetermina jekk il-Qorti Ġenerali kinitx korretta meta ddeċidiet,

13 Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005.

14 Ara, b'mod partikolari, il-premessa 25 tar-Regolament Nru 1290/2005.

15 Għal diskussjoni dwar il-portata tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970, il-predeċessur tal-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Capotorti fil-kawża Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, 11/76, mhux ippubblikata, EU:C:1978:220, p. 290 *et seq.*

16 Fuq il-frodi f'dan is-settur u r-rati ta' rkupru mhux ottimi, ara r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 3/2004 Rkupru ta' pagamenti irregolari taħt il-Politika Agrikola Komuni flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni (ĠU 2004 C 269, p. 1), b'mod partikolari p. 4 sa 9; u l-Opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri Nru 1/2005 rigward il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-iffinanzjar tal-Politika Agrikola Komuni (KUMM(2004) 489 finali tal-14 ta' Lulju 2004) (ĠU 2005 C 121, p. 1), p. 6 sa 7.

min-naħa, li bin-nuqqas li jippreżenta appell kontra s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012 (li permezz tagħha, (i) ġiet ikkonfermata s-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza kontra l-UIBR u, (ii) ġiet miċħuda t-talba tal-UIBR biex isir rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 [17]) quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), ir-Renju tal-Belġju ma ħax il-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tiegħu u għaldaqstant naqas milli jaġixxi b'diliġenza suffiċjenti biex jirkupra l-ammonti inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li n-nuqqas li jirkupra kien għaldaqstant ikkaġunat minn negliġenza attribwibbli lil dak l-Istat Membru [18].

55. F'dan ir-rigward, mill-proċess jirriżulta li biex wieħed jappella quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), appellant irid l-ewwel jitlob l-opinjoni ta' avukat awtorizzat jipprattika quddiem dik il-qorti. L-avukat imbagħad, jevalwa l-possibbiltà li wieħed jippreżenta appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) fuq punti ta' liġi.

56. F'dan il-każ, wara s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012, l-UIBR talab opinjoni mingħand avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni). Wara li eżamina l-proċess, l-avukat ikkonsultat mill-UIBR ikkunsidra li ma kienx possibbli jikkritika, b'ċans tajjeb ta' suċċess, is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012. Wara dak il-parir, l-UIBR ma ppreżentax appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni).

57. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi fattwali speċifiċi, l-appell imressaq mir-Renju tal-Belġju jittratta essenzjalment il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni waħidha li ma jappellax tistax tammonta għal negliġenza attribwibbli lill-Istat Membru kkonċernat. B'mod iktar speċifiku: sa fejn għandu jasal Stat Membru sabiex jirkupra l-ammonti mitlufin?

58. F'dan l-appell, għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tiddetermina l-parametri li fuqhom għandu jiġi evalwat jekk Stat Membru aġixxiex b'mod negliġenti fil-kuntest li jirkupra l-ammonti mitlufin minħabba irregolaritajiet. Fil-fatt, biex ikunu protetti b'mod adegwat l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, għandu jinstab bilanċ xieraq bejn, min-naħa, ir-rekwiżit li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiġu rkuprati fondi mitlufin u min-naħa l-oħra l-bżonn li jiġi evitat li l-Istati Membri jieħdu passi mhux neċessarji u bi spejjeż kbar [19].

### *B. Fuq l-ewwel parti tal-aggravju uniku: ir-rilevanza tal-ġurisprudenza ta-QEDB dwar l-ammissibbiltà*

#### *1. L-argumenti tal-partijiet*

59. Permezz tal-ewwel parti tal-aggravju uniku, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li naqset milli tapplika l-ġurisprudenza tal-QEDB fl-evalwazzjoni dwar jekk l-awtoritajiet Belġjani kinux negliġenti billi ma eżawrixxewx ir-rimedji nazzjonali kollha possibbli [20].

60. B'mod partikolari, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-QEDB, fil-ġurisprudenza tagħha, irrikonoxxiet ir-rwol speċifiku u mandatorju tal-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni): skont dik il-ġurisprudenza, rikorrent jista' jitqies li jkun għamel dak kollu li seta' sabiex jeżawrixxi r-rimedji nazzjonali kollha anki f'ċirkustanzi fejn dak ir-rikorrent ma kienx ippreżenta appell, meta dan il-ġest kien ikun kontra l-opinjoni negattiva tal-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni).

17 Regolament tal-Kummissjoni tas-27 ta' Novembru 1987 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU 1987, L 351, p. 1).

18 Punt 62 tas-sentenza appellata.

19 Ara l-premessi 25 sa 27 tar-Regolament Nru 1290/2005.

20 Punt 56 tas-sentenza appellata.

61. Il-Kummissjoni targumenta li l-ewwel parti tal-aggravju uniku hija inammissibbli, peress li l-argument li jikkonċerna l-ġurisprudenza tal-QEDB ma tqajjimx quddiem il-Qorti Ġenerali. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ewwel parti tal-aggravju uniku hija infondata peress li, essenzjalment, il-ġurisprudenza tal-QEDB ma hija ta' ebda rilevanza f'dan il-kuntest.

62. Ser nibda billi nittratta fil-qosor il-kwistjoni tal-ammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni qabel ma neżamina s-sustanza tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tal-appell.

*2. Valutazzjoni*

63. Fis-sentenza apellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx normali, għalkemm possibbli għal appellant li jappella quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) minkejja l-opinjoni negattiva tal-avukat awtorizzat jipprattika quddiem dik il-qorti. Għal din ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-awtoritajiet Belġjani ma kinux eżawrixxew ir-rimedji nazzjonali kollha u li bħala konsegwenza, ma kienx aġixxa b'diliġenza suffiċjenti [21].

*a) Ammissibbiltà: jistgħu jitressqu argumenti ġodda sakemm is-suġġett tat-tilwima jibqa' l-istess*

64. Għal dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà tal-ewwel parti tal-aggravju uniku, għandu jitfakkar mill-ewwel li ma humiex permessi eċċezzjonijiet ġodda fl-istadju tal-appell [22].

65. Quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-Renju tal-Belġju argumenta li huwa kien eżawrixxa r-rimedji nazzjonali *possibbli* kollha. Quddiem dik il-qorti, l-Istat Membru spjega fit-tul, għaliex, min-naħa, l-appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) ma setax jitqies bħala t-tielet grad ta' istanza (sostantiva) u, min-naħa l-oħra, għaliex kien prattikament impossibbli li jitressaq b'suċċess appell quddiem dik il-qorti meta l-avukat ikkonsultat ikun ta opinjoni negattiva fuq iċ-ċansijiet li jitressaq b'suċċess appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni). Madankollu, ir-Renju tal-Belġju ma argumentax b'mod speċifiku li l-Qorti Ġenerali kellha tapplika l-ġurisprudenza tal-QEDB għall-iskopijiet li tistabbilixxi li huwa kien eżawrixxa r-rimedji nazzjonali kollha possibbli u li huwa ma kienx negliġenti biex jikrupra l-ammonti mitlufin.

66. Għaldaqstant, kif tinnota l-Kummissjoni, huwa minnu li r-rilevanza tal-ġurisprudenza tal-QEDB fuq kif jiġi interpretat l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 ma kinitx diskussa fl-ewwel istanza.

67. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tapplikax standard strett għal dak li jikkonċerna l-ammissibbiltà ta' argumenti ġodda. Pjuttost, dak li huwa importanti huwa li fl-appell ma jinbidilx is-suġġett tal-proċeduri fl-ewwel istanza.

68. B'mod iktar speċifiku, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, moqri flimkien mal-Artikolu 113(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li, fil-kuntest ta' appell, l-appellant jista' jinvoka *kwalunkwe argument rilevanti* bl-unika kundizzjoni iżda li l-appell ma jibdilx is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali [23].

21 Punt 56 tas-sentenza appellata.

22 L-Artikolu 127(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat matul l-istanza, sakemm dak il-motiv ma jkunx ibbażat fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura. Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, L-Isvezja *et* vs API u Il-Kummissjoni, C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata.

23 Sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, *PKK u KNK* vs Il-Kunsill, C-229/05 P, EU:C:2007:32, punt 66.

69. B'kuntrast ma' dak li implikat il-Kummissjoni bl-argument dwar l-ammissibbiltà, ma hemm ebda rekwiżit li kull argument imressaq fl-appell irid ikun ġie diskuss qabel fl-ewwel istanza. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat f'dan ir-rigward li restrizzjoni f'dan is-sens fir-rigward tal-argumenti li appellant jista' jressaq fl-appell ma tistax tiġi aċċettata. Dan għaliex, altrimenti, il-proċedura ta' appell tiġi mċaħħda minn parti importanti tas-sens tagħha [24].

70. L-ewwel parti tal-aggravju uniku tal-appell ma tibdilx is-suġġett tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. Pjuttost, l-argument li jirrigwarda r-rilevanza tal-ġurisprudenza tal-QEDB huwa intiż li jikkontesta l-mod li bih il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005.

71. Għaldaqstant, l-argument tal-Kummissjoni li jikkonċerna l-inammissbbiltà tal-ewwel parti tal-aggravju uniku tal-appell għandu jiġi miċħud.

*b) Sustanza: il-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-ammissibbiltà ma hijiex rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża*

72. Il-ġurisprudenza tal-QEDB li għaliha jirreferi r-Renju tal-Belġju tikkonċerna l-ammissibbiltà ta' każijiet imressqa quddiem il-QEDB. Skont l-Artikolu 35(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), il-QEDB tista' tieħu konjizzjoni ta' każ jekk ir-rikorrent l-ewwel ikun eżawrixxa ir-rimedji nazzjonali (ordinarji) kollha [25].

73. Naturalment, huwa minnu li, kif innota r-Renju tal-Belġju, id-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-KEDB, jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE [26]. Huwa minnu wkoll li, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), id-drittijiet li jinsabu fil-Karta li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB għandhom ikollhom l-istess tifsira u portata bħal dawk stabbiliti mill-konvenzjoni. Għaldaqstant, fejn rilevanti, il-ġurisprudenza tal-QEDB għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biex jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Karta.

74. Madankollu, kif diġà ġie indikat, il-ġurisprudenza msemmija mir-Renju tal-Belġju ma tirrigwardax id-drittijiet li jinsabu fil-Karta, jew, b'mod iktar ġenerali għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet stabbiliti fil-KEDB: hija tirrigwarda r-rekwiżit li rikorrent irid ikun eżawrixxa r-rimedji nazzjonali kollha qabel ma jressaq il-każ quddiem il-QEDB.

75. Dak ir-rekwiżit ma għandu x'jaqsam xejn mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 fejn l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw l-irkuprar tal-ammonti mitlufin minħabba irregolaritajiet. Dak ir-rekwiżit lanqas ma għandu xejn x'jaqsam ma' kif il-kunċett tan-negliġenza għandu jinftiehem għall-iskopijiet li jiġi interpretat l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005.

76. Ir-rekwiżit li rikorrent irid ikun eżawrixxa r-rimedji nazzjonali kollha huwa intiż li jiżgura li l-ġurisdizzjoni nazzjonali tista' tirrimedja l-ksur qabel ma l-każ jitressaq quddiem il-QEDB [27]. Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiġu rkuprati l-ammonti mitlufa huwa intiż li jiżgura li l-fondi tal-UE huma protetti b'mod adegwat u li ma jsirux ebda ħlasijiet indebitament.

24 *Idem.*

25 Għar-*rationale* ta' din ir-regola, ara pereżempju s-sentenza tal-QEDB tas-26 ta' Ottubru 2000, Kudla vs Il-Polonja [GC], CE:ECHR:2000:1026JUD003021096, paragrafu 152.

26 Ara l-Artikolu 6(3) TUE. Ara wkoll l-Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-KEDB) tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punt 179 u l-ġurisprudenza ċċitata.

27 Sentenza tal-QEDB tat-28 ta' Lulju 1999, Selmouni vs Franza, CE:ECHR:1999:0728JUD002580394, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata.

77. Għaldaqstant, huwa diffiċli li jiġi aċċettat li l-Qorti Ġenerali tista' titqies li wettqet żball ta' liġi meta ma kkunsidratx il-ġurisprudenza tal-QEDB dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005, dispożizzjoni li hija intiża essenzjalment li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

78. Iktar minn hekk, anki jekk wieħed jassumi li l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' dik il-ġurisprudenza, il-gwida li tista' tinstilet minnha hija limitata.

79. Ma hemm xejn f'dik il-ġurisprudenza li jindika li r-rikorrenti ma humiex ġeneralment meħtieġa jappellaw quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) fuq punt ta' liġi. Dan hu hekk minkejja l-fatt li, f'ċerti ċirkustanzi partikolari, il-QEBD ma ddikjaratx rikors inammissibbli minkejja l-fatt li ma kien tressaq ebda appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) [28]. Pjuttost, kif spjegat il-QEDB stess, ir-"regola tal-eżawriment" għandha tiġi applikata bi flessibbiltà u mingħajr formaliżmu eċċessiv. Dak li huwa importanti huwa, biex jiġi stabbilit jekk ġietx osservata dik ir-regola, li tingħata d-debita kunsiderazzjoni liċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ individwali [29].

80. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel parti tal-aggravju uniku għandu jiġi miċħud bħala infondat.

## *C. It-tieni parti tal-aggravju uniku: ir-rekwiżit ta' diliġenza biex jiġu rkuprati l-ħlasijiet indebiti*

### *1. L-argumenti tal-partijiet*

81. Permezz tat-tieni parti tal-aggravju uniku, ir-Renju tal-Belġju jsostni li, b'kuntrast mal-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali [30], huwa wera d-diliġenza neċessarja biex jirkupra l-ammonti inkwistjoni. Skont ir-Renju tal-Belġju, il-Qorti Ġenerali ma evalwatx b'mod korrett l-aġir tal-awtoritajiet Belġjani għal dak li jikkonċerna d-deċiżjoni biex ma tiġix appellata s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni): anki jekk kien teoretikament possibbli biex jitressaq appell, kien prattikament impossibbli għall-awtoritajiet Belġjani li jkollhom suċċess fih. Ir-Renju tal-Belġju jikkritika wkoll lill-Qorti Ġenerali talli naqset milli tikkunsidra sew ir-rwol fis-sistema legali Belġjana tal-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni). Ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-awtoritajiet Belġjani eżerċitaw diliġenza suffiċjenti anki jekk l-awtoritajiet ma intavolawx appell peress li jekk wieħed jeżiġi li l-appelli jitressqu b'mod sistematiku, anki jekk huma ddestinati li jfallu, dan ikun eċċessiv u ineffiċjenti.

82. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ssostni li s-sottomissjonijiet tar-Renju tal-Belġju huma kuntradittorji: jew kien impossibbli, jew inkella kien possibbli, li jitressaq appell, imma ma jistax loġikament ikun dawn it-tnejn f'daqqa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni targumenta li l-Istati Membri ma għandhomx jitħallew jikkompromettu l-effettività tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE billi jistrieħu fuq regoli proċedurali nazzjonali, u b'mod speċifiku l-obbligu tal-qrati tal-aħħar istanza tal-Istati Membri li jagħmlu talbiet għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Ara s-sentenzi tal-QEDB tal-5 ta' Marzu 2013, Chapman vs Il-Belġju, CE:ECHR:2013:0305DEC003961906, punt 32 u tas-6 ta' Novembru 1980, Van Oosterwijck vs Il-Belġju, CE:ECHR:1980:1106JUD000765476, punti 36 sa 40.

29 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-QEDB tat-18 ta' Diċembru 1996, Aksoy vs It-Turkija, CE:ECHR:1996:1218JUD002198793, punti 52 u 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

30 Punti 55 sa 57 u 62 tas-sentenza appellata.

*2. Evalwazzjoni*

83. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat mill-ewwel li, sabiex tiddetermina jekk il-Kummissjoni kellhiex dritt tikkunsidra li n-nuqqas ta' rkuprar tal-ammonti inkwistjoni kienx ikkaġunat min-negliġenza attribwibbli lill-UIBR fis-sens tal-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005, kien meħtieġ li tevalwa jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, id-deċiżjoni biex ma jsirx appell kontra s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012 tikkostitwixxix irregolarità jew negliġenza attribwibbli lill-UIBR fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni.

84. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali għamlet numru ta' konstatazzjonijiet.

85. L-ewwel nett, hija kkonstatat li għalkemm isir b'mod eċċezzjonali biss, xorta waħda jista' jiġi intavolat appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), minkejja l-opinjoni negattiva mill-avukat awtorizzat jipprattika quddiem dik il-qorti[31]. It-tieni nett, bil-fatt li ma intavolax appell, ir-Renju tal-Belġju pprekluda lill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) milli tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1290/2005, talba li ġiet irrifjutata mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell)[32].

86. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li bil-fatt li ma intavolax appell mis-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Cour de cassatiopn (il-Qorti tal-Kassazzjoni), ir-Renju tal-Belġju ma ħax il-miżuri kollha disponibbli għalih u li, konsegwentement, ma eżerċitax diliġenza suffiċjenti biex jirkupra l-ammonti inkwistjoni. Għal din ir-raġuni l-Qorti Ġenerali kkonkludiet li n-nuqqas tal-irkuprar tal-ammonti inkwistjoni rriżulta min-negliġenza tar-Renju tal-Belġju[33].

87. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali adottat approċċ strett biex tistabbilixxi n-negliġenza attribwibbli lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005. Dan għaliex, mingħajr evalwazzjoni adegwata taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami, hija kkonkludiet min-nuqqas ta' appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) (f'ċirkustanzi meta tali appell ma kienx impossibbli) li l-UIBR kien aġixxa b'mod negliġenti biex jipprova jirkupra l-ammonti inkwistjoni.

88. Fil-punti sussegwenti, jien ser nispjega l-ewwel għaliex l-Istati Membri jibqgħalhom libertà sostanzjali f'idejhom biex jagħżlu l-miżuri li jridu jittieħdu biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Imbagħad, ser nispjega għaliex id-determinazzjoni tan-negliġenza attribwibbli lil Stat Membru trid tkun ibbażata fuq evalwazzjoni taċ-ċikrustanzi tal-każ ineżami.

*a) L-Istati Membri jibqgħalhom il-libertà li jagħżlu l-iktar miżuri approprjati biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea*

89. Kif ġie spjegat iktar 'il fuq, l-Istati Membri għandhom obbligu ta' portata ikbar, ibbażat fuq ir-Regolament Nru 1290/2005, biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Wieħed jista' jara dan b'mod partikolari mill-Artikolu 9(1)(a) ta' dan ir-regolament, dispożizzjoni li tistabbilixxi r-rekwiżit li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan ir-rekwiżit huwa espressjoni speċifika tal-obbligu ġenerali ta' kooperazzjoni sinċiera li għandhom l-Istati Membri abbażi ta' dak li llum huwa l-Artikolu 4(3) TFUE[34].

31 Punt 56 tas-sentenza appellata.

32 Punt 57 tas-sentenza appellata.

33 Punt 62 tas-sentenza appellata.

34 Sentenzi tal-11 ta' Ottubru 1990, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-34/89, EU:C:1990:353, punt 12; tal-21 ta' Frar 1991, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-28/89, EU:C:1991:67, punt 31; u tal-21 ta' Jannar 1999, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-54/95, EU:C:1999:11, punt 66.

90. Madankolllu, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu liberi, biex jirkupraw l-ammonti mħallsa indebitament, li jagħżlu minn miżuri differenti dawk li huma jqisu xierqa biex jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea[35]. Dan ma huwiex biss konformi mar-rwol awtonomu li għandhom l-Istati Membri biex jeżegwixxu l-funzjonijiet taħt il-FAEGG. Dan huwa konformi wkoll mal-formulazzjoni tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005: fil-fatt, it-teħid ta' miżuri "meħtieġa" jimplika li huwa meħtieġ element ta' ġudizzju min-naħa tal-Istat Membru fl-għażla tal-miżuri l-iktar xierqa għas-sitwazzjoni ineżami.

91. Għaldaqstant, il-libertà li l-Istati Membri jgawdu fil-kuntest tal-irkuprar hija spjegata, min-naħa, mill-fatt li l-miżuri li jridu jittieħdu biex jiġu rkuprati ammonti mħallsa indebitament jistgħu jvarjaw ħafna. Ċertament din hija r-raġuni għaliex fir-Regolament Nru 1290/2005 ma hemm ebda regoli dettaljati li jirrigwardaw il-miżuri ta' rkupru li jridu jieħdu l-Istati Membri.

92. Min-naħa l-oħra, u x'aktarx iktar importanti, dik il-libertà hija spjegata bir-rwol ċentrali li għandhom l-Istati Membri fis-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1290/2005. Kif ingħad iktar 'il fuq, fil-kuntest tar-Regolament Nru 1290/2005, l-Istati Membri joperaw fuq quddiem tas-sistema ta' fondi għall-agrikoltura tal-UE. L-ewwel nett, l-aġenziji tal-ħlas akkreditati fl-Istati Membri huma responsabbli biex jagħmlu l-ħlasijiet lill-benefiċjarji u jivverifikaw l-eliġibbiltà tagħhom. L-ispiża minfuqa f'dan is-sens mill-Istati Membri tiġi mbagħad irrimborżata mill-Kummissjoni mill-baġit tal-UE[36]. It-tieni nett, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw ukoll li l-għajnuna titħallas b'mod korrett, jipprevjenu u jipproċedu kontra l-irregolaritajiet u jirkupraw ammonti mitlufa minħabba irregolaritajiet jew negliġenza fit-territorji rispettivi tagħhom. F'dan is-sens, is-superviżjoni tal-użu tal-fondi tal-UE ġiet "ittrasferita 'l isfel" minn fuq l-istituzzjonijiet tal-UE għal fuq l-awtoritajiet nazzjonali[37].

93. Mill-aspett tal-viċinanza ġeografika u l-użu tajjeb tar-riżorsi pubbliċi, l-awtoritajiet pubbliċi huma ċertament fl-aħjar pożizzjoni biex iwettqu l-verifiki neċessarji, jipproċedu kontra l-irregolaritajiet u jekk ikun il-każ, jieħdu l-miżuri biex jirkupraw l-ammonti mitlufa minħabba l-irregolaritajiet. Fil-kuntest partikolari tal-irkuprar tal-ħlasijiet indebiti, dawn l-awtoritajiet x'aktarx li huma fl-aħjar pożizzjoni biex jevalwaw liema miżuri x'aktarx li l-iktar jista' jkollhom suċċess.

94. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-libertà li żammew l-Istati Membri hija limitata bid-dmir ta' kooperazzjoni sinċiera li jeżiġi li l-Istati Membri jridu jaġixxu b'mod diliġenti matul il-proċedura ta' rkupru[38]. Kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-fehma tiegħi, b'mod korrett fis-sentenza appellata, dan l-obbligu jimplika li l-Istati Membri għandhom jagħmlu tentattiv sħiħ u fil-ħin biex jirkupraw l-ammonti inkwistjoni billi jirrikorru għall-mezzi kollha disponibbli biex jilħqu l-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea[39]. Jekk ma jagħmilx hekk, l-Istat Membru għandu jitqies li kiser l-obbligu ġenerali ta' diliġenza tiegħu.

95. Iżda minn dak l-obbligu joħroġ rekwiżit ġenerali li Stat Membru jrid jeżawrixxi r-rimedji nazzjonali kollha meta jipprova jirkupra r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet li jkunu tħallsu indebitament?

35 Sentenza tal-21 ta' Jannar 1999, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-54/95, EU:C:1999:11, punt 96.

36 Premessi 9 u 10 tar-Regolament Nru 1290/2005.

37 Ara https://ec.europa.eu/agriculture/fin/clearance/factsheet_en.pdf (aċċessata fl-4 ta' Settembru 2018).

38 Ara l-ġurisprudenza msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34.

39 Punt 61 tas-sentenza appellata.

96. Din jidher li hija l-fehma tal-Qorti Ġenerali. Fis-sentenza appellata, hija kkonstatat, essenzjalment, li minħabba li huwa kien iddeċida biex ma jappellax quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) (anki jekk huwa seta' jagħmel dan) u minħabba li għamel hekk huwa għamilha impossibbli biex il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) tagħmel id-domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari, ir-Renju tal-Belġju ma kienx għamel użu mill-miżuri kollha disponibbli għalih biex jirkupra l-ammonti inkwistjoni u li, konsegwentement, in-nuqqas ta' rkupru kien ir-riżultat ta' negliġenza attribwibbli lil dak l-Istat Membru.

97. Kif ser jintwera, il-Qorti Ġenerali waslet għal dik il-konklużjoni mingħajr ma eżaminat sew iċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni. In-nuqqas ta' tali evalwazzjoni jammonta fil-fehma tiegħi għal żball ta' liġi li għandu jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata.

*b) Id-determinazzjoni ta' negliġenza attribwibbli lil Stat Membru għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami*

98. Qabelxejn, jista' jkun utli li jsir paralleliżmu bejn l-approċċ adottat fis-sentenza appellata u l-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja li jirrigwarda l-obbligu ta' Stat Membru li jirkupra l-għajnuna mill-Istat illegali: f'dak il-kuntest ukoll, l-Istati Membri huma meħtieġa li jieħdu l-"miżuri neċessarji kollha" biex jirkupraw mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna mill-Istat illegali. In-nuqqas li tiġi rkuprata l-għajnuna mill-Istat illegali tista' tkun iġġustifikata biss meta l-irkupru ma kienx possibbli minħabba "impossibbiltà assoluta", kunċett li ġie interpretat b'mod strett mill-Qorti tal-Ġustizzja [40].

99. Fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat, l-approċċ strett isib spjegazzjoni mhux biss fil-fatt li huwa l-Istat Membru nnifsu li kkaġuna s-sitwazzjoni illegali billi ta għajnuna kontra l-Artikolu 107(1) TFUE. Huwa jsib spjegazzjoni wkoll fil-bżonn li tiġi eliminata kull distorsjoni tal-kompetizzjoni li tista' tinħoloq mill-għajnuna mogħtija illegalment.

100. F'dan il-kuntest preżenti wkoll, tali approċċ strett li jirrigwarda l-obbligu li jiġu rkuprati l-ammonti mħallsa indebitament jista' jkollu ċerti vantaġġi. B'mod partikolari, il-fatt li b'mod sistematiku l-Istati Membri jiġu mitluba jeżawrixxu r-rimedji nazzjonali (ordinarji) kollha ċertament li jtejbu l-prevedibbiltà u għaldaqstant inaqqsu l-litigazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

101. Madankollu, kif ġie spjegat, is-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1290/2005 tagħti lill-Istati Membri libertà konsiderevoli biex jagħżlu l-iktar miżuri xierqa biex jirkupraw ammonti mħallsa indebitament. Fil-fatt, il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jistgħu jvarjaw minn każ għall-ieħor. F'dan ir-rigward u b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri jistgħu jkunu ffaċċjati b'sitwazzjonijiet differenti ħafna matul il-proċeduri ta' rkupru, l-iżvantaġġi ta' approwċ strett fil-fehma tiegħi jiżbqu l-vantaġġi msemmija hawn fuq.

102. Pereżempju, Stat Membru seta' kellu suċċess parzjali f'istanza inferjuri. F'tali ċirkustanzi, appell ulterjuri jista', jekk ikun meħtieġ b'mod sistematiku, jippreġudika (talinqas parzjalment) l-irkupru. Għaldaqstant, l-eżawriment tar-rimedji kollha disponibbli mhux dejjem jista' jikkostitwixxi l-iktar triq ta' azzjoni xierqa mill-aspett tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea.

103. Fil-fatt, in-nuqqas ta' rkupru kkaġunat bin-negliġenza attribwibbli lil Stat Membru jista' jseħħ f'numru kbir ta' sitwazzjonijiet varji. Dan jispjega għaliex il-Kummissjoni enfasizzat b'mod speċifiku f'dik is-seduta li, fil-fehma tagħha, l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 ma għandux jinftiehem bħala li jeżiġi, b'mod ġenerali u mingħajr id-debita kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, li l-awtoritajiet tal-Istat Membru jridu jeżawrixxu b'mod sistematiku r-rimedji nazzjonali

40 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-404/00, EU:C:2003:373, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata.

kollha. Pjuttost, il-Kummissjoni enfasizzat li huwa fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ħafna ta' dan il-każ li d-deċiżjoni mill-UIBR biex ma jappellax is-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) tammonta għal negliġenza attribwibbli lir-Renju tal-Belġju fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni.

104. Jien naqbel mal-Kummissjoni li ma huwiex possibbli li jiġi stabbilit fl-astratt jekk kienx hemm nuqqas li jammonta għal ksur tal-obbligi li għandhom l-Istati Membri fil-kuntest tal-FAEGG biex jirkupraw ammonti mħallsa indebitament taħt ir-Regolament Nru 1290/2005. Din hija r-raġuni għaliex l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha hija fil-fehma tiegħi neċessarja biex tiġi kkonstatata n-negliġenza fis-sens tal-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005.

105. Tali ċirkustanzi jistgħu jinkludu l-miżuri ta' rkupru disponibbli u dawk li ttieħdu, l-eżitu tal-proċeduri fid-diversi istanzi, l-ispejjeż marbutin mal-proċeduri għall-irkupru, il-prospett ta' suċċess f'dawk il-proċeduri u l-ammont tas-somom li jridu jiġu rkuprati meta mqabbla mal-ispejjeż marbutin ma' appell ulterjuri.

106. F'dan ir-rigward, nosserva li, sa fejn jista' jinftiehem mill-proċess, id-deċiżjoni inkwistjoni (li r-Renju tal-Belġju talab l-annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali) kienet ibbażata fuq konstatazzjoni magħmula mill-Kummissjoni li l-UIBR kien aġixxa b'mod negliġenti peress li ma appellax quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ.

107. Fil-fatt, jidhirli li f'ċirkustanzi fejn ittieħdet azzjoni għall-irkupru, il-fatt li jiġi stabbilit jekk id-deċiżjoni biex ma jsirx appell ulterjuri tistax titqies ommissjoni li tammonta għal negliġenza ċertament li ma huwiex eżerċizzju aritmetiku. Min-naħa l-oħra, dan jeżiġi li jittieħed kont ta' numru ta' ċirkustanzi rilevanti. Dan huwa hekk, b'mod partikolari, minħabba l-libertà li jżommu l-Istati Membru biex jagħżlu l-iktar miżuri xierqa biex jirkupraw ammonti mħallsa indebitament taħt ir-Regolament Nru 1290/2005, regolament li ma jistabbilixxix regoli ddettaljati dwar l-ikruprar ta' ħlasijiet imwettqa indebitament. Fi kliem ieħor, wieħed ma jistax jassumi n-negliġenza minħabba li ma jkunx ġie intavolat appell quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni). Fl-opinjoni tiegħi, it-teħid ta' deċiżjoni biex ma jiġix intavolat appell ulterjuri wara snin ta' litigazzjoni mingħajr suċċess huwa pjuttost differenti minn, pereżempju, deċiżjoni biex ma tittieħed ebda azzjoni ta' rkupru kwalunkwe jew in-nuqqas li jsiru l-verifiki meħtieġa mir-regolamenti settorali rilevanti għal dak li jikkonċerna l-eliġibbiltà tar-rikorrenti – ommissjonijiet li x'aktarx jiksru l-obbligi tal-Istati Membri fil-kuntest tal-FAEGG.

108. Madankollu, minkejja li fil-bidu rrikonoxxiet il-bżonn ta' evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ [41], il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx diversi kwistjonijiet rilevanti.

109. B'mod partikolari, hija ma kkunisdratx iċ-ċirkustanzi segwenti biex tikkonstata n-negliġenza: 1) il-fatt li Saint-Louis Sucre kienet ikkontestat b'suċċess it-talba tal-UIBR quddiem żewġ qrati; 2) il-prospett tal-UIBR li jirnexxi fl-appell ulterjuri fuq *punt ta' liġi*, b'mod partikolari fid-dawl tar-rwol ċentrali li għandu l-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) fi proċeduri quddiem dik il-qorti; 3) ir-rilevanza tat-talbiet li l-UIBR għamel lill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) biex tressaq talba għal deċiżjoni preliminari, ir-raġunijiet għalfejn dik il-qorti ma għamlitx tali rinviju, u l-analiżi sussegwenti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) [42], u fl-aħħar nett 4) il-kobor tal-ammont li jrid jiġi rkuprat meta mqabbel mal-ispejjeż marbutin ma' appell sussegwenti, inkluż il-bżonn li jitħallsu l-interessi f'każ ta' deċiżjoni negattiva fl-aħħar istanza.

41 Punt 55 tas-sentenza appellata.

42 Mill-proċess jirriżulta li l-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) ikkonsultat mill-UIBR, fl-opinjoni tagħha kien analizza il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dettall konsiderevoli.

110. Dan iwassalni għall-effettività tal-proċedura għal rinviju preliminari stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, argument li l-Kummissjoni ressqet b'mod enfatiku u li l-Qorti Ġenerali qablet miegħu fis-sentenza appellata [43].

111. Fil-fehma tal-Kummissjoni, bil-fatt li ma appellax kontra s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), ir-Renju tal-Belġju għamilha effettivament impossibbli għal din il-qorti li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, l-aġir tal-UIBR ippreġudika l-effettività tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE. Nifhem li hija l-fehma tal-Kummissjoni li dik iċ-ċirkustanza waħidha kienet biżżejjed biex turi negliġenza f'dan il-każ. Din il-fehma tidher li taqbel magħha l-Qorti Ġenerali [44].

112. Naturalment huwa minnu li l-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) ma tistax tressaq talba għal deċiżjoni preliminari fuq l-interpretazzjoni ta' kwistjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE jekk qabelxejn ma jitressaq ebda appell quddiemha. Madankollu, din iċ-ċirkustanza ma tneħħix il-bżonn li jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha biex jiġi stabbilit jekk l-aġir tal-awtoritajiet nazzjonali inkwistjoni, u hawnhekk b'mod speċifiku d-deċiżjoni tal-UIBR biex ma jappellax, wara l-opinjoni negattiva tal-avukat awtorizzat jipprattika quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) li huwa kkonsulta, jammontax għal negliġenza.

113. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex evidenti, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, li li kieku l-UIBR ressaq appell, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) kienet tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod iktar sinjifikattiv ukoll, abbażi ta' din l-informazzjoni, ma huwiex possibbli li jiġi evalwat sa fejn tali rinviju preliminari kien ikollu effett fuq l-eżitu tal-każ [45].

114. Huwa minnu li l-Istati Membri, u bħala estensjoni tagħhom, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, għandhom bla ebda dubju responsabbiltà speċjali biex jiżguraw li l-azzjonijiet tagħhom ma jostakolawx il-funzjonament tajjeb tas-sistema stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni tista' teskludi ammonti mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 biss jekk tkun seħħet irregolarità jew negliġenza attribwibbli lill-awtoritajiet amministrattivi jew korp uffiċjali ieħor tal-Istat Membru.

115. L-użu ta' dik id-dispożizzjoni jeħtieġ għaldaqstant li jiġi stabbilit li l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri aġixxew b'mod negliġenti (jew li dawk l-awtoritajiet huma s-sors ta' irregolarità). Fil-fehma tiegħi, minkejja r-responsabbiltà speċjali tal-Istati Membri msemmija fil-punt preċedenti u r-rwol fundamentali tal-Artikolu 267 TFUE għas-sistema legali tal-UE, in-negliġenza ma tistax tiġi kkonstatata fl-astratt, abbażi tal-assunzjoni li li kieku sar appell, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), bħala l-qorti tal-aħħar istanza, kienet tirrinvija lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kliem ieħor: filwaqt li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali tista' tkun korretta u tista' ma tkunx, id-determinazzjoni dwar jekk l-awtoritajiet tal-Istat Membri kinux *negliġenti* ma tistax issir mingħajr id-debita kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. Dawk iċ-ċirkustanzi jinkludu r-raġunijiet li wasslu lill-UIBR, parti fil-proċeduri nazzjonali, biex jiddeċiedu ma jappellawx.

116. Kif ġie indikat, tali evalwazzjoni hija nieqsa fis-sentenza appellata.

43 Punti 57 u 59 tas-sentenza appellata.

44 Punti 57, 59 u 62 tas-sentenza appellata.

45 Hawnhekk, għandu jitqies il-prinċipju stabbilit fis-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2002 *Lyckeskog*, C-99/00, EU:C:2002:329, paragrafu 18. Għaldaqstant, qorti nazzjonali tal-aħħar istanza tista' f'ċerti ċirkustanzi tkun obbligata tressaq talba għal deċiżjoni preliminari anki fl-istadju tal-eżami tal-ammissibbiltà tal-każ li jkun pendenti quddiemha.

117. Bħala konklużjoni, nixtieq nagħmel osservazzjoni finali dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 adottata fis-sentenza appellata. Għalkemm il-punt ma tqajjimx b'mod speċifiku f'dan l-appell, nosserva li wara li stabbilixxiet li r-Renju tal-Belġju ma kienx aġixxa b'diliġenza suffiċjenti, il-Qorti Ġenerali sempliċiment *assumiet* li n-nuqqas ta' rkupru kien ir-riżultat tan-negliġenza attribwibbli lir-Renju tal-Belġju.

118. Għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 32(8)(a) tar-Regolament Nru 1290/2005 jgħid li n-nuqqas ta' rkupru għandu jkun *riżultat* ta' negliġenza. Għaldaqstant, jidhirli li r-rabta bejn in-nuqqas ta' rkupru u n-negliġenza ma tistax tkun assunta, iżda trid tkun, min-naħa l-oħra, murija b'mod xieraq abbażi ta' evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ, evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tagħmel.

119. Abbażi ta' dan, nikkonkludi li minħabba li l-evalwazzjoni li saret fis-sentenza appellata dwar in-negliġenza hija insuffiċjenti, il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-assenza ta' rkupru tal-ammonti inkwistjoni kien ir-riżultat ta' negliġenza attribwibbli lill-UIBR u għalhekk lir-Renju tal-Belġju fis-sens tal-Artikolu 32(8) tar-Regolament Nru 1290/2005 hija vvizzjata bi żball ta' liġi. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-aggravju uniku għandha tiġi milqugħa.

## VI. Konsegwenzi tal-evalwazzjoni

120. Jien ikkonkludejt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li n-nuqqas ta' rkupru kien ir-riżultat ta' negliġenza attribwibbli lill-UIBR u għaldaqstant lir-Renju tal-Belġju fis-sens tal-Artikolu 32(8) tar-Regolament Nru 1290/2005. Dan għaliex hija ma bbażatx il-konstatazzjoni dwar in-negliġenza fuq evalwazzjoni tajba taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami.

121. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali jekk l-appell ikun fondat. Meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, hija stess tista' tiddeċiedi definittivament il-kawża. Hija tista' wkoll tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali.

122. Jiena kkonkludejt li t-tieni parti tal-aggravju uniku għandha tintlaqa'. Għaldaqstant, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

123. Fid-dawl tan-natura tal-iżball imwettaq mill-Qorti Ġenerali l-istat tal-proċeduri, fil-fehma tiegħi, ma jippermettix li tingħata sentenza finali. Dan għaliex id-deċiżjoni fuq il-mertu tkun teħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha sabiex tevalwa jekk id-deċiżjoni biex ma jitressaqx appell kontra s-sentenza tat-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) kinitx tikkostitwixxi negliġenza attribwibbli lir-Renju tal-Belġju. Dan ikun jinvolvi evalwazzjoni tal-fatti, li hija l-Qorti Ġenerali li qiegħda fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel.

124. Konsegwentement nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal stħarriġ mill-ġdid.

## VII. Konklużjoni

125. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– tħassar is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Lulju 2017 Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, T-287/16;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

– tirriżerva l-ispejjeż.